SANTA LUĊIJA

MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 57-19**

**29 ta' April 2019**

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fis-2.30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Joe Bonello – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Il-Kunsillier Liam Sciberras
Il-Kunsilliera Caroline Galea

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**57.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

**57.1.1** Is-Sindku qara l-ittri ta' apoloġiji tal-Kunsilliera Liam Sciberras u Caroline Galea.

**57.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa numru 56-19**

**57.2.1** ***Proposta ta' Bus Terminus f'Dawret it-Torri***

Is-Sindku irrefera għal minuta 56.2.1 u qal li l-*Bus Terminus* ser jagħmluh Transport Malta. Huwa qal li diġa għamel arranġamenti biex il-kontenitur tal-Posta jitla' aktar 'il fuq fit-triq. Il-Kunsill innota wkoll li Transport Malta ma laqatx il-proposta biex il-venda tissejjaħ 'Ground' minflok 'Gardenia' għar-raġuni li diġa teżisti venda bl-isem ta' 'Ground'.

**57.2.2** ***Proġett tal-Promenade***

Is-Sindku irrefera għall-proġett tal-*promenade* u qal li wara li fil-laqgħa preċedenti l-Kunsill kien qabel fuq *Option* 2, il-perit bgħat *artistic impression* tal-*promenade* maqsuma fuq tmien sezzjonijiet. Dawn jirriflettu il-*promenade* minn Dawret it-Torri, Triq Prinjoli, Triq Klematis sa Triq il-Ġibjun. Is-sezzjonijiet ivarjaw skond kemm tippermetti l-wisa' tal-*promenade*. Fuq proposta tal-Viċi Sindku l-Kunsill qabel li l-*promenade* tissejjaħ Masġar Karl Chircop.

**57.2.3** ***Talba biex isir poġġaman***

Is-Sindku rrefera għall-minuta 56.5.14 u informa l-Kunsill li l-poġġaman ser ikun lest din il-ġimgħa.

**57.2.4** ***Ċirkulari SPI-2019 – Rebbiegħa fil-Kommunita'***

Saret referenza għall-Minuta 56.5.5 u s-Sindku qal li ż-żbir tas-siġar ser isir din il-ġimgħa. Huwa qal li fi Pjazza Dorell ser isiru sittax il-*pot* u ser isiru tmienja oħra fil-Pjazza ta' Triq il-Ġilju/Fresja. Il-Kunsill qabel ukoll li jsir *pot* bil-fjuri fuq kull gallarija fit-toroq li l-Kunsill għażel għal din l-iskema.

**57.2.5** ***Applikazzjoni tal-ERA fir-rigward ta' siġar taż-Żebbuġ***

Saret referenza għall-minuta 56.5.13 u l-Viċi Sindku qal li s-siġar taż-Żebbuġ li ser jinqalgħu għandhom jiġu rilokati f'Wied Garnaw minflok is-siġar li kienu saru mill-kumpanija tal-Avjazzjoni.

**57.2.6** ***Ilmenti/Suġġerimenti tar-residenti***

Saret referenza għal minuta 56.5.16 fir-rigward ta' suġġeriment biex ma tingħalaqx Triq Żinja u Triq Ġjaċinti. Is-Sindku qal li ser ikellem lis-Superjur tal-Mużew dwar il-possibilita' li t-tfal joħorġu mill-bieb ta' quddiem.

**57.2.7** ***Kwotazzjoni għal xiri ta' lampi ġodda***

Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 56.3.2 u ippropona li wara l-kliem "*il-prezz ta' dawn il-lampi huwa ta' €600+Vat*"għandhom jidħlu l-kliem "*kull lampa*". Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. Is-Sindku kompla jżid li l-ispiża ta' dawn il-lampi ser tiġi koperta mill-*Urban Improvement Fund*'

**57.2.8** ***Approvazzjoni tal-Minuti***

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 56-19 ġew approvati mill-Kunsill.

**57.3** **Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

**57.3.1** **Kwotazzjoni biex jinbidel it-taraġ tal-irħam f'Dawret it-Torri u fl-entratura tal-Kunsill**

Il-Kunsill approva kwotazzjoni biex jinbidel it-taraġ tal-irħam li hemm quddiem Binja f'Dawret it-Torri u t-taraġ fl-entratura tal-Kunsill. L-ispiża nvoluta tammonta' għas-somma ta' €2779.00.

**57.3.2** **Approvazzjoni tal-iskeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM57-19 għall-perjodu bejn is-17 ta' April 2019 u id-29 ta' April 2019 u minn *cheque* numru BOV 7583 sa *cheque* numru BOV 7623.

**57.4** **Komunikazzjonijiet**

**57.4.1** ***Talbiet għal użu ta' Ġnien is-Serenita'***

**57.4.1.1** ***Kiri tat-Tea Room għal Whisky Tasting Event***

Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li għal din l-attivita ta' mhux aktar minn 50 ruħ għandu jintalab ħlas ta' €235.00 flimkien mal-ispiża nvoluta tal-kuratur u l-*attendant/cleaner* tat-*toilets* waqt din l-attivita'.

**57.4.1.2** ***Kiri ta' Tea Room biex isiru numru ta' klassijiet b'temi diversi***

Il-Kunsill iddiskuta żewġ talbiet għall-użu tat-Tea Room biex isiru klassijiet minn entitajiet privati. Il-Kunsill qabel li għal dan it-tip ta' klassijiet għandha tibda tintalab kontribuzzjoni ta' €25.00 u titħallas ukoll l-ispiża tal-kuratur u ta' *attendant/cleaner* meta tkun ser tintuża l-latrina privata.

**57.4.1.3** ***Talba biex isir filming fi Ġnien is-Serenita'***

Il-Kunsill iddiskuta' talba biex jintuża Ġnien is-Serenita' biex isir *filming* ta' siegħa minn kantant lokali. Il-Kunsill qabel li għandha issir il-proċedura tal-applikazzjoni u jitħallas id-dritt ta' €250.00 skond il-*Bye-Laws.*

**57.4.1.4** ***Talba għal użu tal-Ġnien biex issir attivita' li tinkludi fashion show.***

Il-Kunsill iddiskuta talba minn artisti lokali li qed jitolbu biex jużaw Ġnien is-Serenita' biex itellgħu attivita li tinkludi *fashion show*. Il-Kunsill qabel li għal din l-attivita' għandu jintalab ħlas ta' €235.00 flimkien mal-ispiża nvoluta tal-kuratur u l-*attendant/cleaner* tat-*toilets* waqt dan l-avveniment.

**57.4.1.5** ***Talba għal użu tal-Ġnien biex tinġibed intervista għal programm ta' quiz***

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni biex issir intervista fi Ġnien is-Serenita' għal programm ta' quiz.

**57.4.2** ***Miżura 4.3 – Kisi ta' Toroq f'Wied Garnaw***

Il-Kunsill iddiskuta d-deċiżjoni tal-CRRB li ma approvax talba li saret mill-Kunsill permezz ta' Change Request Form biex xi xogħolijiet li saru u li ma kienux approvati mill-Bord jiġu eleġibbli għal fondi. Il-Kunsill qabel li l-Bord għandu jingħata r-raġunijiet tal-Kunsill u jintalab jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu.

**57.4.3** ***Ħlas lill-Kuntrattur fuq xogħolijiet li saru għall-Korporazzjoni tal-Ilma***

Il-Kunsill laqgħa talba li saret minn kuntrattur biex jitħallas tad-diskrepanza bejn l-ammont tal-*invoice* tiegħu u l-ammont attwali li tħallas mill-korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għal dan ix-xogħol.

**57.4.4** ***Cirk. SPI/07/2019 Finanzjarment ta' Proġetti Kapitali-Apparat għal sistemi ta' Irrigazzjoni***

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din l-iskema u identifika l-areas tal-Jogging Track, Picnic Area u Sculpture Garden u innota li f'dawn l-*areas* hemm ġibja u għaldaqstant jagħmilhom il-postijiet ideali fejn isir dan l-apparat. Ġie innutat ukoll li fil-Picnic area diġa hemm il-pompi ġodda li kienu nxtraw apposta għas-sistema ta' irrigazzjoni.

**57.4.5** ***Sparar tal-Festa***

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul talba għan-*no objection* fir-rigward tal-isparar fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Annunzjata, biex jinħaraq nar f'għalqa fil-konfini ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li tinħareġ ittra li tindika biċ-ċar li kollox irid isir kif stipulat fil-liġi u il-kuntrattur irid inaddaf skond il-bżonn jew iħallas lill-kuntrattur tal-Kunsill biex inaddaf hu.

**57.4.6** ***Impjegata tal-iskema CIES assenjata mal-Kunsill***

Il-Kunsill ġie nfurmat fuq inizjattiva tad-Direttorat Għall-Gvern Lokali li l-impjegata tas-CIES li għandu assenjata miegħu l-Kunsill tibda taħdem fuq bażi *full-time* mill-1 ta' Mejju 2019.

**57.4.7** ***Traffic Mirror fi Triq Katerina Vitale kantuniera ma' Triq Prinjoli***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li Transport Malta approvat it-talba tal-Kunsill biex issir mera tat-traffiku fit-toroq imsemmija. Il-Kunsill qabel li hemm bżonn li jsiru żewġ mirja tat-traffiku f'dik l-*area*.

**57.5 Kuntratt Re: SLLC PC(57-19-01) Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi f'Santa Luċija bl-Użu ta' Prodotti Favur l-Ambjent**

Il-Kunsill reġa kkonferma l-approvazzjoni tiegħu għar-rakkomadazzjoni tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni skond ir-Rapport ta' Evalwazzjoni fuq din is-sejħa billi meta tressaq fil-laqgħa preċedenti ma kienx għadu approvat mill-membri kollha tal-kumitat fuq is-sistema tal-*epps*. Il-kuntrattur li ġab l-akbar ammont ta' punti bis-sistema BPQR għandu jiġi nfurmat li l-offerta tiegħu ġiet aċċettata mill-Kunsill u jekk ma jkunx hemm appelli sa ż-żmien stipulat ikun jista jiġi iffirmat *contract agreement* biex dan is-servizz jibda mill-1 ta' Ġunju 2019.

**57.6 Kuntratt Re: Provediment ta'Ġbir ta' Skart Ġoff b'Vettura b'emissjonijiet baxxi, għall-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija**

Il-Kunsill iddiskuta u approva ir-Rapport tal-Evalwazzjoni u ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni fuq din is-sejħa. Il-Kuntrattur li tefa' din is-sejħa għandu jiġi nfurmat li l-offerta tiegħu kienet aċċetata mill-Kunsill u jekk ma jkunx hemm appelli jkun jista jiġi iffirmat *contract agreement* biex dan is-servizz jibda mill-1 ta' Ġunju 2019.

**57.7 Kuntratt Re: SLLC SS(57-19-03) Evaluation Committee**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-dokument ta' din l-offerta għadu mhux konkluż u meta jkun finalizzat ser ikun qed jittella' għall-approvazzjoni tal-Kunsill qabel tiġi ippubblikata din is-sejħa.

**57.8 Kuntratt Re: SLLC RMPF(57-19-04) Xogħolijiet ta' Manutenzjoni ta' Toroq-Kunsill Lokali Santa Luċija**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-avviż għal din l-offerta ser jiġi ippubblikat fuq l-Epps fit-3 ta' Mejju 2019 u din is-sejħa tagħlaq fl-24 ta' Mejju 2019. Il-Kunsill qabel li l-kumitat tal-Evalwazzjoni ikun iffurmat kif ġej:

Chairperson: Joe Bonello
Segretarju: Caroline Silvio
Evalwatur: Perit Karl Cutajar
Evalwatur: Terrence Ellul
Evalwatur: Frederick Cutajar

**57.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

**57.9.1 Mistoqsija mill-Kunsillier Liam Sciberras**

Għall-mistoqsija ta' Liam Sciberras dwar skema ta' finanzjament għal Wifi ġie nutat li l-Kunsill kien diġa applika u identifika l-*areas* fejn irid li jkun hemm servizz ta' Wifi.

**57.9.2 Mistoqsija tal-Viċi Sindku Frederick Cutajar**

Għall-mistoqsija mill-Viċi Sinkdu dwar tindif u qtugħ ta' ħaxix fi Triq Żinja u Triq Tulipan is-Sindku qal li dan ix-xogħol ser isir mill-ELC.

**57.9.3 Informazzjoni mis-Sindku**

Lejn tmiem il-laqgħa s-Sindku nforma l-Kunsill li l-*Football Club* ser ikun qed jagħmel *rally* ħdejn il-*Club* fl-okkazjoni tas-suċċess li kisbu fil-kampjonat. Huwa qal li jieħu din l-opportunita' biex jifraħ lill-Football Club għas-suċċess miksub.

**57.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fl-3.45p.m. Il-Laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju 2019 fil-5.30p.m.

**Konfermati, illum il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju 2019**

| | |
|---|---|
| **Terrence Ellul** | **Caroline Silvio** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |